Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2024/6206

18.10.2024

AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

dwar it-tneħħija gradwali tal-inċentivi finanzjarji għal bojlers awtonomi li jaħdmu bil-fjuwils fossili skont ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6206)

WERREJ

Paġna

1. Introduzzjoni 2
2. Għan tal-avviż 2
3. Sommarju tad-dispożizzjonijiet legali 2
4. Gwida dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali 2
   - 4.1. Definizzjonijiet 2
   - 4.2. Interpretazzjoni 4
   - 4.3. Eżempji ta' inċentivi finanzjarji li mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(15) 6
   - 4.4. Eċċezzjonijiet 7
5. Gwida rilevanti futura 8

1. INTRODUZZJONI

Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija ("riformulazzjoni tal-EPBD") ([1]) tistabbilixxi kif l-Unjoni Ewropea (UE) tista' tikseb stokk tal-bini kompletament dekarbonizzat sal-2050 permezz ta' firxa ta' miżuri li se jgħinu lill-gvernijiet tal-UE jagħtu spinta lir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija b'mod strutturali, b'enfasi speċifika fuq ir-rinnovazzjoni tal-bini bl-agħar rendiment.

Ir-riformulazzjoni tal-EPBD (Energy Performance of Buildings Directive) daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Mejju 2024 bi skadenza għat-traspożizzjoni tad-29 ta' Mejju 2026, sakemm ma tiġix indikata skadenza speċifika għat-traspożizzjoni f'ċerti dispożizzjonijiet. Dan huwa l-każ għall-Artikolu 17(15) tar-riformulazzjoni tal-EPBD, li huwa s-suġġett ta' dan l-avviż. F'konformità mal-Artikolu 35(1), l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 17(15) sal-1 ta' Jannar 2025, u għandhom jinnotifikawhom lill-Kummissjoni. Dan jista' jinkludi wkoll spjegazzjoni ta' kwalunkwe miżura prattika ta' implimentazzjoni meħuda fil-kuntest tat-traspożizzjoni tal-Artikolu 17(15).

2. GĦAN TAL-AVVIŻ

Dan l-avviż jipprovdi gwida dwar l-Artikolu 17(15) tar-riformulazzjoni tal-EPBD. Il-gwida għandha l-għan li tikkontribwixxi għal fehim aħjar tad-dispożizzjonijiet u tiffaċilita applikazzjoni aktar uniformi u koerenti. Hija indirizzata lill-Istati Membri u lil partijiet oħrajn li jeħtieġ li jiġu infurmati bid-dispożizzjonijiet. L-avviż jipprovdi kjarifiki biss dwar id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2024/1275. Dan jiġbor ukoll flimkien informazzjoni minn skambji mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, wara l-adozzjoni tar-riformulazzjoni tal-EPBD. Meta jasal il-waqt, il-Kummissjoni se toħroġ aktar dokumenti ta' gwida dwar aspetti oħra rilevanti għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tal-EPBD, inkluża gwida dwar id-definizzjoni ta' bojlers tal-fjuwils fossili.

Dan l-avviż huwa maħsub biss bħala dokument ta' gwida; it-test tal-att tal-UE nnifsu biss għandu forza legali. Dan id-dokument jirrifletti l-leġiżlazzjoni fiż-żmien meta ġie abbozzat id-dokument, u l-gwida offruta tista' tkun soġġetta għal modifika ulterjuri.

L-interpretazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE hija l-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-fehmiet espressi f'din il-gwida ma għandhom l-ebda effett fuq il-pożizzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas ebda persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

3. SOMMARJU TAD-DISPOŻIZZJONIJIET LEGALI

Ir-riformulazzjoni tal-EPBD se tgħin lill-UE biex gradwalment telimina l-bojlers li jaħdmu bil-fjuwils fossili. Skont l-Artikolu 17(15) tar-riformulazzjoni tal-EPBD, mill-1 ta' Jannar 2025 jew qabel, l-Istati Membri jeħtiġilhom ma jipprovdu l-ebda inċentiv finanzjarju għall-installazzjoni ta' bojlers awtonomi li jaħdmu bil-fjuwils fossili bl-eċċezzjoni ta' dawk diġà approvati taħt il-fondi tal-UE.

4. GWIDA DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET LEGALI

L-Artikolu 17(15) jgħid li ġej: *"Mill-1 ta' Jannar 2025, l-Istati Membri ma għandhom jipprovdu l-ebda inċentiv finanzjarju għall-installazzjoni ta' bojlers awtonomi li jaħdmu bil-fjuwils fossili, bl-eċċezzjoni ta' dawk magħżula għall-investiment, qabel l-2025, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/241, l-Artikolu 7(1), il-punt (h)(i), it-tielet inċiż, tar-Regolament (UE) 2021/1058 u mal-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2])."*

4.1. Definizzjonijiet

L-EPBD tiddefinixxi "bojler" fl-Artikolu 2(48): "**bojler**' tfisser il-qafas tal-bojler ikkumbinat mal-unità tal-ħruq li ġew iddisinjati biex flimkien jittrażmettu s-sħana li tinħoloq bil-ħruq u tiġi trażmessa fil-fluwidi".

([1]) Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-uzu tal-energija (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/1275, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1275/oj).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

It-terminu "**bojler awtonomu**" mhuwiex definit fl-EPBD. Il-premessa 14 tiċċara li l-bojlers awtonomi jeħtieġ li jiġu distinti minn "sistemi ta' tisħin ibridi b'sehem konsiderevoli ta' enerġija rinnovabbli, bħall-kombinazzjoni ta' bojler ma' enerġija solari termali jew ma' pompa tas-sħana". Għaldaqstant, għall-fini tal-Artikolu 17(15), bojler awtonomu huwa bojler li mhuwiex ikkombinat ma' ġeneratur tas-sħana ieħor li juża l-enerġija rinnovabbli li jipprovdi sehem konsiderevoli tal-output ġenerali tal-enerġija tas-sistema kkombinata.

Sistema tat-tisħin ibrida tfisser prodott ibridu li jikkombina mill-inqas żewġ tipi differenti ta' ġeneraturi tas-sħana. Eżempji ta' sistemi tat-tisħin ibridi li jikkombinaw żewġ teknoloġiji jew aktar biex jipprovdu s-sħana u l-misħun f'bini jinkludu kwalunkwe kombinazzjoni ta' pompi tas-sħana ma' bojlers, sistemi solari ibridi (kombinazzjoni ta' bojler u pannelli solari termali), u kombinazzjonijiet ta' dawn is-sistemi. Sistema tat-tisħin ibrida tista' tiġi manifatturata bħala tali jew l-ibridizzazzjoni tista' ssir fil-ħin tal-installazzjoni jew wara bħala ibridizzazzjoni fuq il-post. Il-kombustjoni konġunta, pereżempju l-kokombustjoni diretta tal-bijomassa u tal-faħam f'bojler tal-fjuwil solidu, ma titqiesx bħala sistema tat-tisħin ibrida.

Għall-fini ta' din il-gwida, l-**installazzjoni** tirreferi għax-xiri, l-assemblaġġ u l-bidu tat-tħaddim ta' bojler awtonomu.

Il-**fjuwils fossili** mhumiex definiti fl-EPBD, iżda jinftiehmu bl-istess mod bħal fir-Regolament (UE) 2018/1999 ([3]), li jiddefinihom fl-Artikolu 2(62) bħala "sorsi tal-enerġija mhux rinnovabbli bbażati fuq il-karbonju bħal karburanti solidi, gass naturali u żejt".

L-Artikolu 2(14) tar-riformulazzjoni tal-EPBD, allinjat mal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva emendata dwar l-Enerġija Rinnovabbli (id-Direttiva (UE) 2018/2001, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2023/2413 ([4]) jiddefinixxi "enerġija minn sorsi rinnovabbli" jew "**enerġija rinnovabbli**" bħala enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, jiġifieri enerġija mir-riħ, mix-xemx (solari termali u solari fotovoltajka), u enerġija ġeotermika, enerġija osmotika, enerġija tal-ambjent, enerġija tal-marea, tal-mewġ u enerġija oċeanika oħra, enerġija idroelettrika, bijomassa, gass mil-landfills, gass minn impjanti għat-trattament tad-dranaġġ, u bijogass.

Il-fjuwils rinnovabbli kif definiti fl-Artikolu 2(22a) tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli kif emendata, jiġifieri "bijokarburanti, bijolikwidi, karburanti tal-bijomassa u karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika", ma jitqisux bħala fjuwils fossili. Kemm il-fjuwils mhux kollegati mal-grilja kif ukoll dawk ibbażati fuq il-grilja huma koperti mid-definizzjoni ta' fjuwils rinnovabbli.

"**Inċentivi finanzjarji**" mhumiex definiti fl-EPBD. Dawn jinftiehmu b'mod wiesa' bħala appoġġ ekonomiku pprovdut minn korp pubbliku ([5]) u/jew permezz ta' riżorsi pubbliċi ([6]). Tali inċentivi pprovduti fil-livell nazzjonali, reġjonali u/jew lokali jistgħu jkunu għodda b'saħħitha biex tiġi aċċellerata d-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin fil-bini u jistgħu jieħdu forom differenti, inkluż iżda mhux limitat għal għotjiet diretti lil xerrejja, installaturi u partijiet terzi, kif ukoll il-lista mhux eżawrjenti ta' finanzjament u għodod finanzjarji fl-Artikolu 17(7) tal-EPBD, b'mod partikolari inċentivi fiskali (eż. rati tat-taxxi mnaqqsa) ([7]). L-inċentivi finanzjarji jistgħu jimmiraw fost l-oħrajn lill-utenti finali, l-installaturi, il-manifatturi u l-partijiet terzi jew l-operaturi ekonomiċi involuti direttament jew indirettament fl-installazzjoni ta' bojlers. Sa fejn il-benefiċjarju tal-inċentiv finanzjarju jkun impriża, japplikaw ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ([8]). Tali inċentivi finanzjarji jistgħu jinftiehmu bħala tip ta' sussidju għall-fjuwils fossili, u għalhekk l-eliminazzjoni gradwali tagħhom tikkontribwixxi għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili.

([3]) Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

([4]) Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni) (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82) u Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 (ĠU L, 2023/2413, 31.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2413/oj).

([5]) Kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (12) tad-Direttiva (UE) 2023/1791 dwar l-effiċjenza enerġetika.

([6]) Il-finanzjament permezz ta' skemi ta' ċertifikati bojod jaqa' taħt il-kunċett ta' "inċentivi finanzjarji" sal-punt li jista' jitqies pubbliku jew ikkontrollat pubblikament.

([7]) L-Artikolu 17(7) jirreferi għal "finanzjament u għodod finanzjarji abilitanti, bħal self għall-effiċjenza enerġetika u ipoteki għar-rinnovazzjoni tal-bini, kuntrattar għar-rendiment fl-użu tal-enerġija, skemi finanzjarji 'ħallas waqt li tiffranka', inċentivi fiskali, pereżempju rati tat-taxxi mnaqqsa fuq ix-xogħlijiet u l-materjali ta' rinnovazzjoni, skemi fuq it-taxxa, fondi ta' garanzija, fondi mmirati lejn rinnovazzjonijiet profondi, fondi mmirati lejn rinnovazzjonijiet b'limitu minimu sinifikanti ta' ffrankar tal-enerġija mmirat u standards tal-portafoll ipotekarju".

([8]) Ara l-Artikolu 38a tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1), u t-Taqsima 4.2 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-harsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (ĠU C 80, 18.2.2022, p. 1).

Il-kunċett ta' "inċentivi finanzjarji" ma jestendix pereżempju għal proċeduri għall-akkwist u kuntratti pubbliċi skont it-tifsira tad-Direttiva 2014/24/UE ([9]) għal installazzjonijiet f'korpi pubbliċi li jiddependu kompletament jew parzjalment mill-baġit pubbliku sa fejn tali kuntratti jirriflettu l-kundizzjonijiet tas-suq u ma jinkludu l-ebda forma ta' sussidju (jew mhumiex ikkombinati magħhom). L-akkwist pubbliku fil-bini u għall-bini jeħtieġ li jikkonforma mal-Artikolu 7 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 ([10]).

4.2. **Interpretazzjoni**

L-Artikolu 17(15) japplika għall-**installazzjoni ta' bojlers awtonomi li jaħdmu bil-fjuwils fossili**. Dan ifisser ix-xiri, l-assemblaġġ u t-tħaddim ta' bojler li (1) jaħraq fjuwils fossili, jiġifieri sorsi ta' enerġija mhux rinnovabbli bbażati fuq il-karbonju bħal fjuwils solidi, gass naturali u żejt; u (2) li jkun bojler awtonomu, jiġifieri bojler li mhuwiex ikkombinat ma' ġeneratur tas-sħana ieħor li juża l-enerġija rinnovabbli li jipprovdi sehem konsiderevoli tal-output ġenerali tal-enerġija tas-sistema kkombinata. F'dan il-kuntest huwa irrilevanti jekk l-installazzjoni ta' bojler awtonomu li jaħdem bil-fjuwils fossili hijiex parti minn, pereżempju, rinnovazzjoni profonda jew integrata.

Jekk bojler tal-gass jitqiesx li "jaħdem bil-fjuwils fossili" jiddependi fuq it-taħlita tal-fjuwil fil-**grilja tal-gass fiż-żmien meta jiġi installat il-bojler**. Bħala regola ġenerali, fejn il-grilja lokali tal-gass fil-biċċa l-kbira ġġorr gass naturali, l-installazzjoni ta' bojlers tal-gass jenħtieġ li ma tirċevix inċentivi finanzjarji. Meta l-grilja lokali tal-gass fil-biċċa l-kbira ġġorr fjuwils rinnovabbli, l-installazzjoni ta' bojler tal-gass tista' tirċievi inċentivi finanzjarji skont l-Artikolu 17(15). Huwa f'idejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri li jiżguraw li jkun hemm għodda ta' verifika li tista' tivverifika dan fil-mument tal-installazzjoni.

Sabiex il-**bojlers mhux kollegati mal-grilja** ma jitqisux bħala li "jaħdmu bil-fjuwils fossili", l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jeħtieġ li jirrikjedu u jivverifikaw b'mod robust u kredibbli li fir-realtà l-unità se topera bi fjuwils rinnovabbli **fiż-żmien tal-installazzjoni kif ukoll matul il-ħajja tagħha**, minħabba li l-benefiċjarju jibqa' fil-kontroll tal-fjuwil użat f'bojler mhux kollegat mal-grilja matul il-ħajja kollha.

Tali monitoraġġ jista' jkun parti mill-ispezzjonijiet regolari tas-sistema tat-tisħin fuq il-post jew tipi oħra ta' spezzjonijiet li jkopru s-sistemi tat-tisħin kif imwettqa fl-Istati Membri. Jenħtieġ li tqis ukoll il-bażi tad-*data* tal-UE għat-traċċar ta' fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi u fjuwils tal-karbonju riċiklat ([11]).

Abbażi tar-raġunament sottostanti tal-Artikolu 17(15) li l-**użu tal-fjuwils fossili fil-bojlers jenħtieġ li ma jiġix inċentivat**, l-inċentivi finanzjarji jenħtieġ li jingħataw biss għal sistemi tat-tisħin ibridi b'sehem konsiderevoli ta' enerġija rinnovabbli, u biss **b'mod proporzjonat** sal-punt li s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jintużaw fis-sistema tat-tisħin ibridu. B'riżultat ta' dan, l-installazzjoni ta' sistema tat-tisħin li tkun 100 % ibbażata fuq l-enerġija rinnovabbli jenħtieġ li tiġi inċentivata b'mod aktar qawwi mill-installazzjoni ta' sistema tat-tisħin ibrida.

Meta jiddefinixxu "**sistemi ta' tisħin ibridi b'sehem konsiderevoli ta' enerġija rinnovabbli**", l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-parti tas-sistema ibrida li tuża l-enerġija rinnovabbli, bħas-sħana solari jew il-pompa tas-sħana, tipprovdi parti konsiderevoli tal-output tal-enerġija (jiġifieri l-ħtiġijiet tat-tisħin tal-bini). Din il-valutazzjoni jeħtieġ li ssir mill-awtorità kompetenti u se tiddependi fuq is-sitwazzjoni. Din tista' tkun ibridizzazzjoni fuq il-post miżjuda wara, fejn il-finanzjament ikun meħtieġ biss għall-elementi relatati mal-ġeneratur tas-sħana rinnovabbli addizzjonali u/jew il-kontrolli speċifiċi użati għall-ġestjoni ta' kif it-teknoloġiji tal-komponenti joperaw flimkien. Każ differenti huwa s-sistemi tat-tisħin ibridi magħmula fil-fabbrika li jitqiegħdu fis-suq bħala prodott ibridu, fejn l-inċentiv finanzjarju jista' jkopri l-prodott kollu iżda jenħtieġ li jkun proporzjonat għas-sehem ta' enerġija rinnovabbli użata fis-sistema tat-tisħin ibridu.

([9]) Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

([10]) () Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni) (ĠU L 231, 20.9.2023, p. 1).

([11]) L-Artikolu 31a tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli jistipula li sal-21 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tiġi stabbilita bażi tad-*data* tal-UE li tippermetti t-traċċar ta' fjuwils rinnovabbli likwidi u gassużi u ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1184 jistabbilixxi metodoloġija tal-Unjoni li tistipula regoli dettaljati għall-produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika.

Huwa f'idejn l-Istati Membri li jispeċifikaw x'sehem ta' enerġija rinnovabbli fi ħdan sistemi tat-tisħin ibridi huwa "konsiderevoli", filwaqt li jiżguraw li l-implimentazzjoni tagħti effett utli lil dan il-kunċett u hija fl-ispirtu tal-Premessa 14. Peress li l-objettiv finali huwa li jiġi eliminat gradwalment l-użu tal-fjuwils fossili fil-bojlers, is-sistemi tat-tisħin ibridi jenħtieġ li jiġu inċentivati biss bħala soluzzjoni tranżizzjonali, jekk ikun hemm perspettiva realistika li l-użu tal-fjuwils fossili fis-sistema jkun tranżizzjonali, filwaqt li jiġi evitat lock-in fil-fjuwils fossili. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' monitoraġġ u konformità li tkun adattata għall-iskop fil-kuntest nazzjonali speċifiku. L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li kwalunkwe miżura nazzjonali li tipprovdi inċentivi finanzjarji għal tali sistemi ibridi tikkontribwixxi b'mod effettiv biex jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-enerġija kif definiti f'leġiżlazzjoni oħra tal-UE ([12]), filwaqt li jitqies ukoll kif il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima se jilħqu dawk il-miri.

F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi indikat li, filwaqt li l-Artikolu 17(15) ma jipprekludix inċentivi finanzjarji għall-installazzjoni ta' bojlers awtonomi li jaħdmu bil-fjuwils rinnovabbli, tali inċentivi finanzjarji jistgħu jiġu esklużi mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija ([13]). Din id-dispożizzjoni tobbliga lill-Istati Membri jimmiraw kwalunkwe inċentiv li jipprovdu lejn "**l-oġħla żewġ klassijiet ta' effiċjenza enerġetika popolati b'mod sinifikanti**", jew fi klassijiet oġħla kif stabbilit fi kwalunkwe att delegat tal-UE dwar it-tikkettar tal-enerġija tal-prodott inkwistjoni. Dan ifisser li għall-ħiters tal-post b'kapaċitajiet sa 70 kW koperti mit-tikketta enerġetika, l-Istati Membri jistgħu jinċentivaw biss il-ħiters tal-post fl-oġħla żewġ klassijiet tal-enerġija popolati b'mod sinifikanti ([14]). Abbażi tad-*data* attwali disponibbli, il-bojlers awtonomi mhumiex fl-oġħla żewġ klassijiet popolati b'mod sinifikanti ([15]) u għalhekk ma jistgħux jiġu inċentivati, irrispettivament minn jekk jaħarqux fjuwils fossili jew fjuwils rinnovabbli. Il-bojlers ibridi u l-pompi tas-sħana jistgħu jiġu inċentivati peress li huma aktar effiċjenti u għalhekk jidhru fl-oġħla żewġ klassijiet tal-enerġija popolati b'mod sinifikanti tat-tikketta tagħhom ([16]). Id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq ma tapplikax għall-bojlers iddisinjati speċifikament għall-użu ta' fjuwils gassużi jew likwidi prodotti b'mod predominanti mill-bijomassa ([17]) peress li mhumiex soġġetti għar-regoli tal-UE dwar it-tikkettar tal-enerġija.

Il-bojlers tal-fjuwil solidu tal-bijomassa għandhom regolamentazzjoni tat-tikkettar tal-enerġija u skala adattata tagħhom stess: minħabba li jidhru fl-oġħla żewġ klassijiet popolati b'mod sinifikanti, dawn jistgħu jkunu eliġibbli biex jiġu inċentivati ([18]) ([19]).

Il-mod kif ġie implimentat l-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija se jkun parti minn rapport ta' evalwazzjoni li jmiss mill-Kummissjoni, mistenni sa Awwissu 2025, biex jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kemm ir-Regolament (UE) 2017/1369 u l-atti adottati taħtu kienu effettivi biex jippermettu lill-konsumaturi jagħżlu prodotti aktar effiċjenti.

([12]) Inkluż ir-Regolament (UE) 2021/1119 dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, ir-Regolament (UE) 2018/842 ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, id-Direttiva (UE) 2023/2413 dwar id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u d-Direttiva (UE) 2023/1791 dwar l-effiċjenza fl-enerġija.

([13]) Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

([14]) Regolament ta' delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 811/2013 tat- 18 ta' Frar 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-post, ħiters ikkombinati, pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari u pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari (ĠU L 239, 6.9.2013, p. 1).

([15]) Ara r-Reġistru Pubbliku Ewropew għat-Tikkettar tal-Enerġija (EPREL). Għal lista ta' ħiters tal-post u l-għadd ta' mudelli skont il-klassi u l-frekwenza skont il-klassi, żur is-sit web pubbliku tal-EPREL (europa.eu) u kklikkja fuq id-distribuzzjoni tal-mudell skont il-klassi tar-rendiment.

([16]) Il-bojlers ibridi huma parti minn pompi tas-sħana/pakketti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 811/2013 u bħala tali huma eliġibbli għal inċentivi.

([17]) Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli tiddefinixxi l-bijomassa bħala l-frazzjoni bijodegradabbli ta' prodotti, skart u residwi ta' oriġini bijoloġika mill-agrikoltura, inkluż sustanzi veġetali u mill-annimali, mill-industriji forestali u industriji relatati, inkluż is-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli ta' skart, inkluż l-iskart industrijali u muniċipali ta' oriġini bijoloġika. Ir-referenza għal "iddisinjati b'mod speċifiku" hija ta' rilevanza għall-bojlers li huma ddisinjati biex jaħdmu eż. bijogass mhux ipproċessat b'sehem għoli ta' impuritajiet.

([18]) Il-bojlers tal-bijomassa b'kapaċitajiet sa 70 kW huma koperti mir-Regolament (UE) 2015/1187 tas-27 ta' April 2015 fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tal-bojlers tal-fjuwil solidu u pakketti ta'bojler tal-fjuwil solidu, ħiters supplimentari, regolaturi tat-temperatura u apparat solari.

([19]) Fejn il-fjuwils tal-bijomassa jintużaw f'installazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ b'input termali kklassifikat totali li jaqbeż 7,5 MW għall-fjuwils tal-bijomassa solida u li jkun uġwali għal jew jaqbeż 2 MW għall-bijofjuwils gassużi, il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, jenħtieġ li jiġu ssodisfati. F'każijiet bħal dawn, il-verifika tal-konformità ma' dawn il-kriterji hija meħtieġa, skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 30 ta' dik id-Direttiva.

Meta jiġu pprovduti inċentivi finanzjarji għall-bojlers iddisinjati speċifikament għall-użu ta' fjuwils gassużi jew likwidi prodotti b'mod predominanti minn bojlers tal-bijomassa u tal-bijomassa (fjuwil solidu), l-awtoritajiet rilevanti għandhom jivvalutaw kif il-promozzjoni ta' tali bojlers jista' jkollha impatt fuq il-kisba ta' leġiżlazzjoni oħra tal-UE bħal dik relatata mat-tniġġis tal-arja ([20]), jew il-leġiżlazzjoni relatata mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-użu tal-art, il-bidla fl-użu tal-art u l-forestrija ([21]).

4.3. **Eżempji ta' inċentivi finanzjarji li mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(15)**

Din it-taqsima tipprovdi eżempji ta' każijiet li mhumiex koperti mill-Artikolu 17(15) peress li ma jikkwalifikawx bħala inċentivi finanzjarji għall-installazzjoni ta' bojlers awtonomi li jaħdmu bil-fjuwils fossili. L-Istati Membri jistgħu jagħtu inċentivi finanzjarji għal investimenti bħal dawn dment li l-inċentivi jkunu mfassla f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ([22]) meta r-riċevitur tal-inċentiv ikun impriża.

— Sistemi ibridi tat-tisħin b'sehem konsiderevoli ta' enerġija rinnovabbli

Kif stabbilit fil-Premessa 14, jibqa' possibbli li jiġu pprovduti inċentivi finanzjarji għall-installazzjoni ta' sistemi ta' tisħin ibridi b'sehem konsiderevoli ta' enerġija rinnovabbli (bħall-kombinazzjoni ta' bojler ma' enerġija solari termali jew ma' pompa tas-sħana). Kwalunkwe inċentiv finanzjarju bħal dan jenħtieġ li jkun proporzjonat sal-punt li s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jintużaw fis-sistema tat-tisħin ibridu.

— Kwalunkwe kost addizzjonali relatat mat-tranżizzjoni għall-użu ta' gassijiet rinnovabbli f'bojler

Dawn il-kostijiet jistgħu jkunu relatati mal-aġġornament tas-sistema ta' distribuzzjoni fl-abitazzjoni, il-punt ta' konnessjoni, l-ibridizzazzjoni fuq il-post jew investimenti addizzjonali fl-adattament tekniku li jiżguraw l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bojler. Dawn il-kostijiet jistgħu jkunu relatati, pereżempju, ma' investimenti addizzjonali fil-partijiet fis-sistema tat-tisħin li jippermettu l-użu ta' enerġija li hija 100 % rinnovabbli.

— Inċentivi mhux relatati mal-installazzjoni

Kwalunkwe inċentiv relatat ma' attivitajiet għajr l-installazzjoni — pereżempju l-manutenzjoni, it-tiswija jew id-dekummissjonar ta' bojlers tal-fjuwils fossili eż. permezz ta' primjums għall-iskrappjar — mhumiex soġġetti għad-dispożizzjoni tal-eliminazzjoni gradwali tal-finanzjament.

Tali inċentivi jistgħu jkunu rilevanti għall-prevenzjoni ta' sostituzzjonijiet ta' emerġenza wara ħsara u jipprovdu għat-tiswija jew is-sostituzzjoni ta' element partikolari. Dawn jistgħu jinkludu pereżempju l-kiri temporanju ta' bojlers għal konsumaturi tal-enerġija f'żoni ta' tisħin u tkessiħ distrettwali attwali jew ippjanati.

Eżempju ieħor li huwa barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni huwa l-inċentivi finanzjarji għall-installazzjoni ta' sistemi ta' awtomatizzazzjoni u kontroll tal-bini f'sistemi tat-tisħin imħaddma b'bojlers awtonomi li jaħdmu bil-fjuwils fossili.

— Miżuri biex tiġi indirizzata l-affordabbiltà tal-enerġija

([20]) Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1); Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

([21]) Regolament (UE) 2023/839 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli dwar ir-rapportar u l-konformità, u l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030, u r-Regolament (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami (ĠU L 107, 21.4.2023, p. 1).

([22]) Ara n-nota 8 f'qiegħ il-paġna. B'mod partikolari, l-Istati Membri li jipprevedu l-għoti ta' inċentivi bħal dawn bħala parti minn pjan ta' rinnovazzjoni mmirat lejn it-titjib tar-rendiment enerġetiku jew ambjentali ta' bini skont it-Taqsima 4.2 tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna għall-Klima, l-Enerġija u l-Ambjent għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u jistennew il-valutazzjoni tiegħu qabel ma jistabbilixxu l-iskemi ta' appoġġ tagħhom.

Tali miżuri jistgħu jinkludu appoġġ għall-prezzijiet tal-konsumatur, tariffi soċjali jew appoġġ għall-introjtu għat-tisħin bi fjuwils fossili. L-unitajiet domestiċi vulnerabbli huma dawk li jbatu l-aktar minn żieda fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili. L-appoġġ pubbliku ma għandux iżommhom dipendenti fuq l-użu tal-fjuwils fossili għall-futur. Din hija r-raġuni għaliex il-miżuri msemmija hawn fuq għandhom jibqgħu mmirati sew, temporanji u komplementari għall-miżuri strutturali li jindirizzaw ukoll il-kawżi ewlenin tal-faqar enerġetiku, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-faqar enerġetiku ([23]). Kwalunkwe miżura ffinanzjata taħt il-Fond Soċjali għall-Klima trid tissodisfa r-regoli relatati mal-appoġġ dirett għall-introjtu skont ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima ([24]).

Minflok ma jużaw inċentivi finanzjarji biex iħeġġu lill-bojlers tal-fjuwils fossili jiġu sostitwiti b'bojlers ġodda tal-fjuwils fossili, l-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw it-tiswija tal-bojlers eżistenti u/jew jipprevedu soluzzjonijiet ta' tisħin temporanji (eż. il-kiri ta' bojlers) flimkien ma' livelli ogħla ta' appoġġ għal unitajiet domestiċi vulnerabbli għal sistemi tat-tisħin għajr bojlers awtonomi mħaddma bil-fjuwils fossili (bħal sistemi tat-tisħin ibbażati fuq sorsi rinnovabbli jew sistemi ibridi b'sehem konsiderevoli ta' enerġija rinnovabbli).

— Inċentivi mhux relatati mal-bojlers

L-apparati li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' bojlers — bħal stufi jew mikrokoġenerazzjoni — mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tneħħija gradwali tal-inċentivi finanzjarji għall-bojlers awtonomi li jaħdmu bil-fjuwils fossili.

Madankollu, fil-kuntest ġenerali u fl-ispirtu tad-dispożizzjoni biex jitneħħew gradwalment l-inċentivi finanzjarji għall-bojlers awtonomi skont din il-gwida, l-Istati Membri huma pjuttost imħeġġa jinċentivaw il-bidla għal fjuwils rinnovabbli tas-sistemi kollha tat-tisħin u t-tkessiħ ibbażati fuq il-fjuwils fossili.

B'mod partikolari, ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 13(6) tar-riformulazzjoni tal-EPBD jistipula li "l-Istati Membri jistgħu jipprevedu inċentivi u finanzjament ġodda biex iħeġġu l-bidla minn sistemi bbażati fuq fjuwils fossili tat-tisħin u tat-tkessiħ għal sistemi bbażati fuq fjuwils mhux fossili tat-tisħin u tat-tkessiħ".

— Żborż ta' inċentivi mogħtija u kkomunikati lill-benefiċjarju individwali qabel l-1 ta' Jannar 2025

Jekk deċiżjoni biex jiġi pprovdut inċentiv finanzjarju tkun diġà ttieħdet minn korp pubbliku u kkomunikata lill-benefiċjarju individwali qabel l-1 ta' Jannar 2025, ikunu nħolqu aspettattivi leġittimi qabel dik id-data u l-iżborż attwali ta' tali inċentivi finanzjarji jista' jseħħ wara dik id-data.

4.4. **Eċċezzjonijiet**

L-Artikolu 17(15) jipprovdi **eċċezzjoni** għall-projbizzjoni ta' inċentivi finanzjarji għall-installazzjoni ta' bojlers awtonomi li jaħdmu bil-fjuwils fossili wara l-1 ta' Jannar 2025 jekk l-inċentivi għall-investiment jissodisfaw **simultanjament żewġ kundizzjonijiet**:

(1) Ikunu ffinanzjati taħt:

— Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ([25]).

— Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni, biss fejn japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-tielet inċiż tal-Artikolu (7)(1)(h)(i) tar-Regolament (UE) 2021/1058 ([26]). Din id-dispożizzjoni tippermetti investiment f'bojlers li jaħdmu bil-gass naturali u f'sistemi tat-tisħin fid-djar u fil-bini li jissostitwixxu installazzjonijiet ibbażati fuq il-faħam, il-pit, il-linjite jew ix-shale bituminuż.

([23]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2407 tal-20 ta' Ottubru 2023 dwar il-faqar enerġetiku (ĠU L, 2023/2407, 23.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2023/2407/oj).

([24]) Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1).

([25]) Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

([26]) Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

— L-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2021/2115 ([27]), li jirreferi għal investimenti fl-iżvilupp rurali.

u

(2) Ikunu ntgħażlu għall-investiment qabel l-2025.

F'dan il-kuntest, fejn l-inċentivi finanzjarji għall-bojlers ikunu parti minn programmi nazzjonali jew reġjonali taħt il-fondi tal-UE msemmija hawn fuq li ġew **adottati qabel l-1 ta' Jannar 2025**, dawn jitqiesu bħala "magħżula għall-investiment" qabel dik id-data.

Pereżempju, fil-każ tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, din l-eċċezzjoni tirreferi għal investimenti f'bojlers li jaħdmu bil-gass naturali li huma parti minn programm ta' politika ta' koeżjoni nazzjonali jew reġjonali 2021–27 adottat qabel l-1 ta' Jannar 2025, eliġibbli għal appoġġ taħt il-FEŻR u/jew il-Fond ta' Koeżjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]).

Fil-każ tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, din l-eċċezzjoni tirreferi għal investimenti li huma parti minn pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, kif adottat permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill.

Fil-każ ta' investimenti għall-iżvilupp rurali skont il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, din l-eċċezzjoni tirreferi għal investimenti li huma parti mill-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tal-PAK kif approvati mill-Kummissjoni.

L-għan tal-eċċezzjoni huwa li tippermetti t-tlestija tal-investimenti kollha kif miftiehem (fil-programmi, il-pjanijiet u l-modifiki tagħhom) qabel l-1 ta' Jannar 2025 irrispettivament minn meta jsiru s-sejħa għall-proġetti u l-passi sussegwenti kollha.

5. **GWIDA RILEVANTI FUTURA**

Il-Kummissjoni se tiżviluppa gwida dwar id-dispożizzjonijiet ġodda u sostanzjalment modifikati tar-riformulazzjoni tal-EPBD fid-dawl tal-iskadenza tat-traspożizzjoni. Dan jinkludi gwida dwar dak li jikkwalifika bħala bojler tal-fjuwil fossili f'konformità mal-obbligu skont l-Artikolu 13(8) tar-riformulazzjoni tal-EPBD.

([27]) Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

([28]) Ara aktar gwida fil-QA00313.